MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1082/1988/3

**Avukat Dottor Edwards Woods ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited u dina sew proprju u kif ukoll bhala agenti u in rappresentanza tad-ditta estera ‘Continental Insurance’, li assikurat merkanzija importata mid-ditta Joseph Said Limited, liema merkanzija wasslet Malta fuq il-vapur PINTO fid-29 ta’ Ottubru, 1987.**

**Vs**

**Joseph Curmi ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta Sea Malta Company Limited ; u Philip Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Attrans Limited.**

**Il-Qorti.**

## Preliminari

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi d-ditta Joseph Said Ltd. importat gewwa Malta elf u hamsin (1050) xkora u disa’ mija u wiehed u erbghin (941) kartun ‘walnuts’ mill-Olanda fuq il-vapur ‘Pinto’, li wasal Malta fid-29 ta’ Ottubru, 1987, skond il-polza tal-kariku numru zero tnejn u ghoxrin (022) hawn annessa u mmarkata bhala Dok A u l-invoice, kopja ta’ liema qed jigi hawn anness u mmarkata bhala Dok. B.;

Premess illi d-ditta konvenuta Attrans Ltd. garret il-merkanzija minghand il-konsenjatarju sa Livorno gewwa l-Italja fuq trailer numru M8041;

Premess illi waqt li kien fil-port gewwa Livorno, it-trailer inqaleb, u allura gie ikkawzat danni lil-merkanzija u dan jirrizulta car miz-zewg Survey Reports li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C u dok. D rispettivament;

Premess illi l-merkanzija taghbiet fil-port ta’ Livorno ghal fuq il-vapur ‘Pinto’ u giet trasportata ghal-Malta mis-socjeta’ Sea Malta Company Ltd;

Premess illi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija giet kunsenjata lill-importatur instab illi parti minn din il-merkanzija kellha hsara u parti ohra kienet nieqsa, u dan jirrizulta ahjar mis-Survey Report anness u mmarkat Dok. D;

Premess illi ghal dawn il-hsarat u n-nuqqasijiet, is-socjeta’ Mediterranean Underwriting Managers Limited halset, bhala agent u fl-interessi tal-‘Underwriters’ is-socjeta’ Ingliza ‘Continental Insurance’ is-somma ta’ elfejn tmien mija sebgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm2,827.68), u ghalhekk dawn l-‘Underwriters’ gew surrogati fid-drittijiet tal-importaur (Dok. E);

Premess illi l-istess ‘Underwriters’ ‘Continental Insurance’ appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex tagixxi ghalihom bhala recovery agents;

Premess illi d-ditta konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Premess illi ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, il-konvenuti nomine baqghu ma hallsux;

Ghaldaqstant is-socjeta' atrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjarhom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta Joseph Said Ltd.;

2. Tikkundanahom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm2,827.68 bl-interessi skond il-ligi mit-tnejn (2) ta' Awissu, 1988, in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Attard ghan-nom u in rappresentanza ta' Attrans Limited a fol. 32 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa nomine m'huwiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet li sehhu fil-merkanzija mid-ditta Joseph Said Ltd.

2. Illi peress meta it-trailer tieghu nomine dahal gewwa il-port ta' Livorno huwa nomine kellu, skond il-prattika uzwali, jqieghed it-trailer fil-pussess tax-shippers cioe' s-Sea Malta jew aktar sew fil-pussess tal-agent tas-Sea Malta il-Comesmar u ghalhekk dawna minn dak il-hin kienu responsabbli tat-trailer li fuqu kellu din il-merkanzija.

3. Illi kien meta it-trailer fil-pussess tal-agent tas-Sea Malta, il-Comesmar, illi sehh l-incident li qieghed jiddikjara l-attur nomine, meta il-haddiema tal-port ta' Livorno kienu qeghdin jittrasportaw it-trailer ghal fuq il-vapur u dan nqaleb peress illi kien inqala' xi hsara fit-truck li kien qieghed jigbed it-trailer.

4. Illi ghaldaqstant se mai is-Sea Malta u mhux il-konvenut nomine kienu responsabbli ghal dawn il-hsarat li sehhu fil-merkanzija tad-ditta Joseph Said Ltd.

5. Illi ghaldaqstant il-konvenut nomine ghandu jigi lliberat stante illi dawn il-hsarat allegati ma sarux meta huwa kien fil-pussess tat-trailer bil-merkanzija imma meta it-trailer kien fil-pussess tax-shippers cioe’ s-Sea Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-istess Joseph Curmi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Sea Malta Company Limited a fol. 35 tal-process fejn eccepiet:

1. L-ewwel lok illi huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Fit-tieni lok illi huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghal xi hsara li setghet grat lill-merkanzija nkwistjoni;

3. It-tielet lok illi kieku anke stess grat hsara lill-merkanzija huwa ezonerat mir-responsabbilita ghall-istess hsara skond il-klawsoli tal-Bill of Lading emmess lill-karikatur;

4. Ir-raba’ lok illi fi kwalsiasi kaz ir-responsabbilita tieghu ghad-danni hija limitata skond il-limitazzjoni ta’ responsabbilita kontemplata fil-polza tal-karigu emmessa lill-karikatur.

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur noe qed jitlob is-somma ta’ Lm2,827.68 li huwa hallas lill assikurat taghhom Joseph Said Limited in segwitu ghall claim li dana ghamel ghall hsara u nuqqas f’konsenja ta’ merkanzija li kien irceva. L-attur kien hallas dina s-somma kif jirrizulta mid-dokument E a fol. 24 u Dok

a fol. 25. Hu gie surrogat fid-drittijiet tal-imsemmija kumpanija Said u qed jagixxi b'dina s-surroga biex jithallas lura minghand iz-zewg konvenuti l-ammont li kien sborza.

Il-konvenuti Attrans qed isostnu li huma ma kellhom ebda tort ghall incident li fih sehhet il-hsara fit-trailer u fil-kontenut tieghu. Huma kienu garrew il-merkanzija mill-Olanda ghal Malta u meta waslu Livorno, hallew it-trailer, kif inhi  l-procedura, fil-parking area tas-Sea Malta. Huma kienu  kkonsenjaw il-merkanzija lis-Sea Malta sabiex jiehdu hsieb jittrasportaw il-merkanzija bil-bahar lejn Malta. It-tugmaster, cjoe d-ditta Comismal, li huma agenti tas-Sea Malta,  gew imqabbda minn Sea Malta biex jghabbu t-trailer ghal fuq il-vapur. It-tugmaster ma kienx ikklippja sew it-trailer u waqt li kien qed jigbdu, qalbu. Kien sar Survey Report barra minn Malta mill agenti ta' Lloyds mid-Ditta Vincenzo Capanna (fol. 7 et seq) u dawn ikkostataw il-hsarat u kif gara l-incident.

Il-kontenut tat-trailer imbaghad tghabba fuq zewg containers, billi t-trailer kien bil-hsara u ma setghax jitghabba fuq il-vapur. Il-containers gew stivati u sigillati u ntbghatu Malta. Meta waslu Malta dawn il-containers infethu mis-sigilli fil-post tad Ditta Said fil-prezenza tan-nies tad-Dwana u tas-Surveyor li kellu jaghmel rapport iehor hawn Malta. Instab li l-merkanzija kienet giet stivata hazin u mhux skond is-sengha u l-hsara giet aggravata. Irrizulta li kien hemm hsarat u nuqqasijiet kif dettaljatament spjegat mis-Surveyor Mario Borg li esebixxa r-rapport tieghu a fol 19 et seq.

Illi mill provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti Attrans kienu responsabbili ghal hsarat u nuqqasijiet li kien hemm fil-merkanzija mportata mid-ditta Said. Meta gara l-incident it-trailer bil-merkanzija kien fil-pussess tas-Sea Malta  jew tal-agenti mqabbda minnha.

Il-konvenuti Sea Malta minn naha taghhom ma ressqu ebda provi.

Huma qed jeccepixxu li m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma l-atturi. Kif jirrizulta mill-provi pero' Attrans kienu hallsu lis-Sea Malta ghas-servizz li hija kienet ser tghatihom biex tittrasporta l-merkanzija minn Livorno ghal Malta u l-incident gara meta t-trailer ta' Attrans, li kien qed jittrasporta l-merkanzija ta' Said Ltd, kien fil-pussess Sea Malta u nqaleb u gratlu l-hsara.

Il-konvenuti Sea Malta eccepew li anke kieku stess grat hsara lill-merkanzija huma ezonerati mir-responsabbilita' ghall-istess hsara skond il-klawsoli tal-Bill of Lading emmess lill-karikatur.

Dwar din is-sottomissjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kumm) fil-kawza R. Borg noe vs G. M. Cini et deciza fl-1 ta' Marzu 1969 u ghall-kawza Bonello vs Caruana tat-8 ta' Novembru, 1968 u ghas-sentenza fil-kawza App. E. Zammit vs E. Petrococchino 25.2.52 fejn il-Qorti qalet:

"Huwa difficli li wiehed jenuncja principju assolut ta' dritt dwar jekk il-klawsoli ta' ezoneru mir-responsabilita' ghad-danni ghandhomx ikollhom l-effett li jezoneraw lid-debitur minn dik ir-responsabilita'; kollox jiddependi minn certi direttivi ta' fatt."

"Klawzola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo, mill-kolpa gravi, ekwiparata ghad-dolo, u mill-kolpa ljevi, li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi (sec 1132 Kodici Civili) tirrikjedi fl-ezekuzzjoni ta' kull obligazzjoni in genere. Fi kliem iehor, il-klwasola ta' irresponsabbilita' bhal dik in ezami ma tezimix mir-responsabilita' meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover; u jekk jigu stipulati espressament biex jezoneraw mid-dolo u miz-zewg gradi ta' kolpa fuq riferiti, jkunu nulli, billi kuntrarji ghall-principju generali tal-morali, bazi tal-ordni pubbliku."      Kumm. Borg vs Calascione 25.5.61.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Sea Malta ma jistghux jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara lill konvenuti Sea Malta responsabbli ghal hsara u nuqqasijiet sofferti mid-ditta Joseph Said Ltd kif fuq spjegat;

u tikkundanahom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm2,827.68 bl-interessi skond il-ligi mit-tnejn (2) ta' Awissu, 1988, in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Sea Malta.

Il-konvenuti Attrans qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghal konvenuti Sea Malta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------